Nru./No. 18,790
Prezz/Price
€3.60

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 12 ta' Awwissu, 2011
Friday, 12th August, 2011

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 9733 - 9736
Government Notices ..... *9733 - 9736*

Avviżi tal-Pulizija ..... 9737 - 9739
Police Notices ..... *9737 - 9739*

Avviżi lill-Baħħara ..... 9739 - 9741
Notices to Mariners ..... *9739 - 9741*

Opportunitajiet ta' Impieg 9741
Employment Opportunities *9741*

Avviżi tal-Gvern ..... 9741 - 9746
Notices ..... *9741 - 9746*

Offerti ..... 9746 - 9791
Tenders ..... *9746 - 9791*

Avviżi tal-Qorti ..... 9792 - 9808
Court Notices ..... *9792 - 9808*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 738

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa tal-artikolu 4 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skont u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

It-12 ta' Awwissu, 2011
(File No. L/198/2011)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija soġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa tal-artikolu 4 tal-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art fiż-Żurrieq:–

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 44.2 metri twila, 0.65 metri wiesgħa u 1.4 metri fonda u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 1,393 metru kwadru, liema għalqa tmiss mit-Tramuntana, mill-Punent u mil-Lvant ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa.

2. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 4.8 metri twila, 0.65 metri wiesgħa u 1.4 metri fonda u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 35 metru kwadru, liema għalqa tmiss mit-Tramuntana, mill-Punent u mil-Lvant ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija fuq il-pjanta mmarkata P.D. 2011_517, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff.) GEORGE ABELA
President

It-2 ta' Awwissu, 2011

GOVERNMENT NOTICES

No. 738

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

12th August, 2011

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of article 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of article 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land at Iż-Żurrieq:–

1. The mentioned subsoil rights consisting for the digging of a trench 44.2 metres long, 0.65 metres wide and 1.4 metres deep and laying of services for an indefinite period of time, in a field of the area of about 1,393 square metres, which field is bounded on the North, on the West and on the East by property of unknown owners.

2. The mentioned subsoil rights consisting for the digging of a trench 4.8 metres long, 0.65 metres wide and 1.4 metres deep and laying of services for an indefinite period of time, in a field of the area of about 35 square metres, which field is bounded on the North, on the West and on the East by property of unknown owners.

The above mentioned land is shown on plan marked P.D. 2011_517, which may be viewed on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GEORGE ABELA
President

2nd August, 2011

Nru. 739

AKKWIST TA' ART

NGĦARRFU b'din li b'riferenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 683 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' Lulju, 2011, l-art imsemmija fl-istess Notifikazzjoni tidher fuq il-pjanta mmarkata P.D. 2010_258 u mhux P.D. 2009_796.

It-12 ta' Awwissu, 2011

No. 739

ACQUISITION OF LAND

IT is hereby notified that with reference to Government Notice No. 683 published in the Government Gazette dated 29th July, 2011, the land mentioned in the said Notice is shown on plan marked P.D. 2010_258 and not P.D. 2009_796.

12th August, 2011

Nru. 740

RILAXX TA' ART

NGĦARRFU b'din li b'riferenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 684 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' Lulju, 2011, it-titlu fl-istess Notifikazzjoni għandu jkun 'Rilaxx ta' Art' u mhux 'Akkwist ta' Art'.

It-12 ta' Awwissu, 2011

No. 740

RELEASE OF LAND

IT is hereby notified that with reference to Government Notice No. 684 published in the Government Gazette dated 29th July, 2011, the title in the said Notice should read 'Release of Land' and not 'Acquisition of Land'.

12th August, 2011

Nru. 741

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP
(KAP. 504)

Regolamenti tal-2010 dwar Stima Ambjentali Strateġika

Avviż dwar ir-Reviżjoni tal-Istrateġija dwar l-Immaniġġar tal-Iskart Solidu

L-UFFIĊĊJU tal-Prim Ministru jgħarraf li wara l-konsultazzjoni li saret fuq l-Istrateġija dwar l-Immaniġġar tal-Iskart Solidu (L-ewwel Aġġornament) u wara l-konsultazzjoni li saret fuq ir-Rapport Ambjentali konness mal-ewwel Reviżjoni tal-Istrateġija dwar l-Immaniġġar tal-Iskart Solidu, l-Istrateġija u r-Rapport Ambjentali ġew riveduti fid-dawl tal-kummenti li ntbagħtu u ġew sottomessi lill-Punt Fokali dwar Stima Ambjentali Strateġika. L-Istrateġija dwar l-Immaniġġar tal-Iskart Solidu kurrenti se tiġi aġġornata f'konformità mar-reviżjoni tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart. Għaldaqstant se tirriżulta Stima Ambjentali Strateġika aġġornata.

Membri tal-pubbliku jistgħu jaraw kopja tal-Istrateġija u r-Rapport Ambjentali mit-Taqsima għat-Turiżmu u l-Iżvilupp Sostenibbli, Berġa tal-Italja, Uffiċċju tal-Prim Ministru, fil-Belt Valletta jew jakkwistaw kopja elettronika minn (www.tsdu.gov.mt).

It-8 ta' Awwissu, 2011

No. 741

ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT
(CAP. 504)

Strategic Environmental Assessment Regulations, 2010

Notice Regarding the Revised Edition of the Solid Waste Management Strategy

THE Office of the Prime Minister gives notice that following the public consultation that was held on the Solid Waste Management Strategy (First Update) and following the consultation that was held on the Environment Report pertaining to the Solid Waste Management Strategy, the Waste Management Strategy and Environment Report have been revised in the light of the comments received and have been submitted to the Strategic Environmental Assessment Focal Point. The current Waste Management Strategy will be updated in conformity with the revised Waste Framework Directive. An updated Strategic Environmental Assessment will therefore ensue accordingly.

Members of the public may obtain a copy of the Revised Strategy and Environment Report from the Tourism and Sustainable Development Unit, Office of the Prime Minister, Auberge d'Italie in Valletta or electronically from (www.tsdu.gov.mt).

8th August, 2011

Nru.742

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSJUNARJI B'SETGĦA LI JAGĦTU ĠURAMENT (KAP. 79)

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-subartikolu (4) tal-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'Setgha li jagħtu Ġurament, l-Avukat Ġenerali nnomina lin-Nutar Dottor Stephenie Chetcuti ta' "Anther", Triq San Ġużepp, Manikata MLH 5023 sabiex tkun Kummissjunarju b' Setgħa li tagħti Ġurament.

It-12 ta' Awwissu, 2011

No. 742

COMMISSIONERS FOR OATHS ORDINANCE (CAP.79)

IT is hereby notified that in virtue of subarticle (4) of article 3 of the Commissioner for Oaths Ordinance, the Attorney General has nominated Notary Dr Stephenie Chetcuti of "Anther", Triq San Ġużepp, Manikata MLH 5023 to be Commissioner for Oaths.

12th August, 2011

Nru. 743

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI

Bord Dwar is-Sajd

NGĦARRFU b'din illi b'riferenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 496, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' Lulju, 2009, is-Sur Mario Demicoli u Lt Col Andrew Mallia ġew maħtura membri tal-Bord dwar is-Sajd minflok is-Sur Marco Carabott u l-Kaptan James L. Grech rispettivament skont l-Artikolu 5 tal-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd (Kap. 425) b'seħħ mit-28 ta' Lulju, 2011 sad-9 ta' Ġunju, 2012.

It-12 ta' Awwissu, 2011

No. 743

MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS

Fisheries Board

IT is hereby notified that with reference to Government Notice No. 496, published in the Government Gazette of the 3rd July, 2009, Mr Mario Demicoli and Lt Col Andrew Mallia have been appointed members to the Fisheries Board in lieu of Mr Marco Carabott and Captain James L.Grech in accordance with Article 5 of the Fisheries Conservation and Management Act (Cap. 425) with effect from 28th July, 2011 up to 9th June, 2012.

12th August, 2011

Nru. 744

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Avviż skont l-Artikolu 61 (1)

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 61 (1) tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni b'din jgħarraf lill-persuni msemmija aktar 'l isfel biex imorru fid-Dipartiment tal-Capital Transfer Duty, 46, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, sabiex jiġbru l-avviżi magħmula fuqhom.

Isem *Name*	Numru tal-I.D. *I.D. Number*	Numru tat-Talba *Claim Number*
Borda Michael	690256m	IV118447
Mercieca Paul J	235352m	IV118446
Fenech Adami Giovanna	169131m	CM037551
Borg Saviour sive Silvio	466565m	IV118820
James David Allen	45330A	IV117801

No. 744

DUTY ON DOCUMENTS AND TRANSFERS ACT (CAP. 364)

Notice in terms of Article 61 (1)

IN terms of the proviso to article 61 (1) of the Duty on Documents and Transfer Act, the Commisioner of Inland Revenue hereby notifies the persons listed hereunder to call at the Capital Transfer Duty Department, 46, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, to collect the notices made on such persons.

M & JRF Investments Ltd	C37382	IV118014
Schembri Ryan Joe	450878m	IV117258
C&M Contractors Ltd	C30803	IV118289
Frangio Ltd	C31877	IV118402
G.A. Investments Ltd	C30840	IV118366
Dingli Robert J	484653m	IV118367
G.A. Investments Ltd ET.	C30940	IV118151/2
JDC Co Ltd	C12753	IV118230

It-12 ta' Awwissu, 2011

12th August, 2011

Nru. 745

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia:*-

No. 745

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:-

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
625	'Ezekiel Block A Flats', Triq Patri Wistin Born, Marsaskala	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	03/08/2011

Dott. Keith Francis German, LL.D.
Reġistratur tal-Artijiet

Dr Keith Francis German, LL.D.
Land Registrar

It-12 ta' Awwissu, 2011

12th August, 2011

Nru. 746

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

No. 746

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
12. 8. 2011	€39.586	€0.884

It-12 ta' Awwissu, 2011

12th August, 2011

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 93

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Safi

Nhar it-Tnejn, it-22 ta' Awwissu, 2011, mis-6.00 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Pawl, Qasam tad-Djar, Ta' Qarja, San Ġwann, Ta' Amparell, Tal-Azjar, Ħlantun, Santa Marija u l-Pjazza ta' Ħal Safi.

Nhar l-Erbgħa, l-24 ta' Awwissu, 2011, mis-6.00 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Ġwann, il-Kuċċard, is-Summien, in-Nassaba, it-Tellerit, l-Iskola, Ta' Ġawhar, Dun Karm Vella, il-Kaċċaturi, San Tumas, Twemmin, Ħlantun, Misraħ San Ġużepp, Santa Marija u l-Pjazza ta' Ħal Safi.

Nhar il-Ħamis, il-25 ta' Awwissu, 2011, mis-7.00 p.m. sal-11.30 p.m. mill-Pjazza tal-Knisja.

Nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Awwissu, 2011, mis-7.30 p.m. sa 11.45 p.m. mit-toroq li ġejjin: Twemmin, San Tumas, Ta' Ġawhar, il-Kenn, il-Menqa, l-Iskola, Dun G. Caruana, il-Ħajt Ruman, iż-Żurrieq, in-Nassaba, it-Tellerit, il-Kuċċard, is-Summien, San Pawl u l-Pjazza ta' Ħal Safi.

Nhar is-Sibt, is-27 ta' Awwissu, 2011, mis-6.30 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: San Ġużepp, Santa Marija, Dun G. Caruana, iż-Żurrieq u l-Pjazza ta' Ħal Safi.

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Awwissu, 2011, mit-8.00 a.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: San Pawl, San Ġwann, San Ġorġ, Qerd in-Naħal, in-Newba, il-Ħajt Ruman, Ġwann Zammit, il-Biedja, id-Dolmen, il-Menqa, l-Iskola, Dun Ġużepp Caruana, iż-Żurrieq, il-Pjazza ta' Ħal Safi, San Ġużepp u Santa Marija.

Huwa pporjbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Il-Gudja

Nhar il-Ħamis, il-25 ta' Awwissu, 2011, minn nofsinhar sas-Sibt, is-27 ta' Awwissu 2011 f'nofsinhar minn Triq Bir Miftuħ, Triq William Baker u Triq Vincenzo Dimech.

Vetturi li jinstabu jiksu l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

It-12 ta' Awwissu, 2011

POLICE NOTICE

No. 93

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited and will be suspended on the dates and times indicated.

Ħal Safi

On Monday, 22nd August, 2011, from 6.00 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: San Pawl, Housing Estate, Ta' Qarja, San Ġwann, Ta' Amparell, Tal-Azjar, Ħlantun, Santa Marija and Safi Square.

On Wednesday, 24th August, 2011, from 6.00 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: San Ġwann, il-Kuċċard, is-Summien, in-Nassaba, it-Tellerit, l-Iskola, Ta' Ġawhar, Dun Karm Vella, il-Kaċċaturi, San Tumas, Twemmin, Ħlantun, Misraħ San Ġużepp, Santa Marija and Safi Square.

On Thursday, 25th August, 2011, from 7.00 p.m. to 11.30 p.m. through Church Square.

On Friday, 26th August, 2011, from 7.30 p.m. to 11.45 p.m. through the following streets: Twemmin, San Tumas, Ta' Ġawhar, il-Kenn, il-Menqa, l-Iskola, Dun G. Caruana, il-Ħajt Ruman, iż-Żurrieq, in-Nassaba, it-Tellerit, il-Kuċċard, is-Summien, San Pawl and Safi Square.

On Saturday, 27th August, 2011, from 6.30 p.m. to midnight through the following streets: San Ġużepp, Santa Marija, Dun G. Caruana, iż-Żurrieq and Safi Square.

On Sunday, 28th August, 2011, from 8.00 a.m. to midnight through the following streets: San Pawl, San Ġwann, San Ġorġ, Qerd in-Naħal, in-Newba, il-Ħajt Ruman, Ġwann Zammit, il-Biedja, id-Dolmen, il-Menqa, l-Iskola, Dun Ġużepp Caruana, iż-Żurrieq, Safi Square, San Ġużepp and Santa Marija.

The parking of vehicles along the above streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed.

Gudja

On Thursday, 25th August, 2011, from noon till Saturday, 27th August 2011 at noon through Triq Bir Miftuħ, Triq William Baker and Triq Vincenzo Dimech.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

12th August, 2011

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 94

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Ħal Għargħur

Nhar il-Ġimgħa s-26 ta' Awwissu 2011 u nhar is-Sibt is-27 ta' Awwissu 2011 mill-5.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq San Bartilmew u Misraħ il-Knisja.

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Awwissu, 2011 minn Triq San Bartilmew u Misraħ il-Knisja.

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Awwissu, 2011 mit-3.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: l-Oratorju, Emanuel Perren, Vjal ir-Repubblika, Stiefnu Zerafa, San Ġwann, in-Naxxar u Santa Katerina.

Il-vetturi misjuba jiksru l-ordni ta' dan l-avviż huma soġġett li jiġu rmunkati.

It-12 ta' Awwissu, 2011

POLICE NOTICE

No. 94

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħal Għargħur

On Friday 26th August 2011 and on Saturday 27th August 2011 from 5.00 p.m. to midnight through Triq San Bartilmew and Misraħ il-Knisja.

On Sunday, 28th August, 2011 through Triq San Bartilmew and Misraħ il-Knisja.

On Sunday, 28th August, 2011 from 3.00 p.m. to midnight through the following streets: l-Oratorju, Emanuel Perren, Vjal ir-Repubblika, Stiefnu Zerafa, San Ġwann, in-Naxxar and Santa Katerina.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

12th August, 2011

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 95

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Il-Ħamrun

Nhar l-Erbgħa, is-17 ta' Awwissu, 2011, sal-Ħadd, it-28 ta' Awwissu, 2011, mis-6.00 a.m. 'il quddiem minn Triq Nerik Sacco u Triq il-Marsa.

Nhar l-Erbgħa, l-24 ta' Awwissu, 2011, mit-8.30 p.m. sa nofsillejl, minn Triq Nerik Sacco, Triq Ħal Qormi, Triq

POLICE NOTICE

No. 95

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulation (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħamrun

From Wednesday, 17th August, 2011, to Sunday, 28th August, 2011, from 6.00 a.m. onwards through Triq Nerik Sacco and Triq il-Marsa.

On Wednesday, 24th August, 2011, from 8.30 p.m. to midnight, through Triq Nerik Sacco, Triq Ħal Qormi, Triq

Karmenu Abela, Misraħ is-7 Ġunju 1919, Triq Ġużè Bajjada, Triq Willie Attard, Triq Dun Frans Camilleri, Triq Karmenu Abela, Triq Assunta, Triq Azzopardi, Triq San Mikiel, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Saura, Triq il-Karmnu, Triq il-Marsa, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Isouard, Triq San Franġisk u Triq Nerik Sacco.

Nhr il-Ħamis, il-25 ta' Awwissu, 2011, mit-8.30 p.m. sa nofsillejl minn Triq Nerik Sacco, Triq Isouard, Triq Il-Marsa, Triq San Franġisk, Triq ix-Xemxija, Triq Neriku Sacco, Triq Ġużè Bajjada, Triq il-Jum, Triq il-Kungress, Triq Azzopardi sal-knisja.

Nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Awwissu, 2011, mid-9.00 p.m sa nofsillejl minn Triq Nerik Sacco, Triq Isouard, Trejqet Isouard, Triq Ġużè Bajjada, Triq Il-Jum, Triq ix-Xemxija, Triq Nerik Sacco, Triq Azzopardi, Triq San Franġisk, Triq Ħal Qormi, Triq Sawra, Triq il-Karmnu, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Saura, Triq Il-Marsa sal-Każin tal-Banda.

Nhar is-Sibt, is-27 ta' Awwissu, 2011, mid-9.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq Nerik Sacco, Triq San Franġisk, Triq Azzopardi, Triq Assunta, Triq Ħal Qormi, Triq San Mikiel, Triq Azzopardi, Triq il-Kungress, Triq ix-Xemxija, Triq il-Marsa, Triq Isouard, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Saura, Triq il-Karmnu sal-knisja.

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Awwissu, 2011, mill-10.00 a.m. sal-4.00 p.m. minn Triq Nerik Sacco, Triq Azzopardi,Triq San Franġisk, Triq Qormi, Triq Assunta, Triq Azzopardi, Triq il-Marsa, Triq Isouard sal-knisja.

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Awwissu, 2011, mill-4.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq Nerik Sacco, Triq Ħal Qormi, Triq San Mikiel, Triq Azzopardi, Triq Il-Marsa u Triq Isouard.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

It-12 ta' Awwissu, 2011

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 74 tal-2011

Ħruq ta' Murtali minn Manoel Island fid-Daħla ta' Tas-Sliema, Port ta' Marsamxett

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara illi se jinħarqu murtali minn fuq ix-xatt ta' Manoel Island fid-Daħla ta' Tas-Sliema ċentrati fil-pożizzjoni:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35º 54'.319	14º 30'.321

Karmenu Abela, Misraħ is-7 ta' Ġunju 1919, Triq Ġużè Bajjada, Triq Willie Attard, Triq Dun Frans Camilleri, Triq Karmenu Abela, Triq Assunta, Triq Azzopardi, Triq San Mikiel, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Saura, Triq Il-Karmnu, Triq il-Marsa, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Isouard, Triq San Franġisk and Triq Nerik Sacco.

On Thursday, 25th August, 2011, from 8.30 p.m. till midnight through Triq Nerik Sacco, Triq Isouard, Triq Il-Marsa, Triq San Franġisk, Triq ix-Xemxija, Triq Neriku Sacco, Triq Ġużè Bajjada, Triq il-Jum, Triq il-Kungress, Triq Azzopardi to church.

On Friday, 26th August, 2011, from 9.00 p.m till midnight through Triq Nerik Sacco, Triq Isouard, Trejqet Isouard, Triq Ġużè Bajjada, Triq Il-Jum, Triq ix-Xemxija, Triq Nerik Sacco, Triq Azzopardi, Triq San Franġisk, Triq Ħal Qormi, Triq Sawra, Triq il-Karmnu, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Saura, Triq il-Marsa to Band Club.

On Saturday, 27th August, 2011, from 9.00 p.m. to midnight through Triq Nerik Sacco, Triq San Franġisk, Triq Azzopardi, Triq Assunta, Triq Ħal Qormi, Triq San Mikiel, Triq Azzopardi, Triq il-Kungress, Triq ix-Xemxija, Triq il-Marsa, Triq Isouard, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Saura, Triq il-Karmnu to church.

On Sunday, 28th August, 2011, from 10.00 a.m. to 4 p.m. through Triq Nerik Sacco, Triq Azzopardi, Triq San Franġisk, Triq Ħal Qormi, Triq Assunta, Triq Azzopardi, Triq il-Marsa, Triq Isouard to church.

On Sunday, 28th August, 2011, from 4.00 p.m. to midnight Triq Nerik Sacco, Triq Qormi, Triq San Mikiel, Triq Azzopardi, Triq Marsa, Triq Isouard and Triq Nerik Sacco.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

12th August, 2011

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 74 of 2011

Fireworks display from Manoel Island in Sliema Creek, Marsamxett Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that Fireworks displays will be let off from the foreshore of Manoel Island in Sliema Creek, centered in position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35º 54'.319	14º 30'.321

Din il-pożizzjoni tidher fuq iċ-*chart* fuq il-*website* ta' Transport Malta: http://www.transport.gov.mt/Page.aspx?pageid=499&lid=1). Il-ħruq tal-murtali se jsir fid-dati u l-ħinijiet li ġejjin:

It-Tlieta, 16 ta' Awwissu, 2011 bejn is-7.20 p.m. u t-7.50 p.m.

Il-Ġimgħa, id-19 ta' Awwissu, 2011 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar u bejn is-6.00 p.m. u l-11.30 p.m.

Is-Sibt, l-20 ta' Awwissu, 2011 bejn id-9.00 a.m. u d-9.30 a.m., bejn nofsinhar u 12.20 p.m. u bejn is-6.00 p.m. u l-11.30 p.m.

Il-Ħadd, il-21 ta' Awwissu, 2011 fid-9.00 a.m., nofsinhar u bejn is-7.30 p.m. u l-11.00 p.m.

Minħabba dan ta' hawn fuq, il-baħħara huma mgħarrfa illi tbaħħir f'raġġ ta' 200 metru mill-pożizzjoni msemmija hawn fuq fil-Port ta' Marsamxett huwa pprojbit matul il-ħinijiet tal-ħruq tal-murtali. L-inġenji kollha rmiġġati fl-inħawi indikati kif jidher fuq iċ-*chart* fuq il-*website* ta' Transport Malta: (http://www.transport.gov.mt/Page.aspx?pageid=499&lid=1) għandhom jitneħħew fid-dati u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq meta jsir il-ħruq tal-murtali.

Il-baħħara għandhom jobdu l-ordnijiet li jingħataw mill-Valletta Port Control (VTS) u mill-Pulizija fiż-żona.

Chart affettwata: BA 177.

It-12 ta' Awwissu, 2011

This position is shown on the chart as shown on the Authority's website: (http://www.transport.gov.mt/Page.aspx?pageid=499&lid=1). The fireworks displays will take place on the following dates and times.

On Tuesday, 16th August, 2011 between 7.20 p.m. and 7.50 p.m.

On Friday, 19th August, 2011 from 9.00 a.m. to noon and between 6.00 p.m. and 11.30 p.m.

On Saturday, 20th August, 2011 between 9.00 a.m. and 9.30 a.m., between noon and 12.20 p.m. and between 6.00 p.m. and 11.30 p.m.

On Sunday, 21st August, 2011 at 9.00 a.m., noon and between 7.30 p.m. and 11.00 p.m.

In view of the above, mariners are informed that navigation within 200 meters from the above position in Marsamxett Harbour will be prohibited during the time of fireworks. All craft moored within the indicated area as shown on the Authority's website: (http://www.transport.gov.mt/Page.aspx?pageid=499&lid=1) are to be removed on the above-mentioned dates and times of the fireworks displays.

Mariners are to obey directives issued by the Valletta Port Control (VTS), and by Police in the area.

Chart effected: BA 177

12th August, 2011

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 75 tal-2011

Malta - Gozo - Malta Open Sea Swimming Challenge
Is-Sibt, l-20 ta' Awwissu, 2011

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara illi Birkirkara St Joseph Sports Club se jorganizza l-*Malta-Gozo-Malta Open Sea Swimming Challenge* nhar is-Sibt, l-20 ta' Awwissu, 2011.

Dan l-avveniment se jibda mill-Bajja tal-Marfa 'l hinn mil-Lukanda Riviera, Malta fis-6.15 a.m. u jkompli matul in-naħa tal-Lvant tal-Fliegu ta' Kemmuna lejn il-Blata tal-Ħalfa (qrib Ras il-Qala) f'Għawdex u lura lejn il-Bajja tal-Marfa 'l hinn mil-Lukanda Riviera, Malta. Ġie ffissat ħin ta' ħames (5) sigħat u tletin (30) minuta mill-Bord Organizzattiv. Dawk l-għawwiema li jibqgħu fl-ilma wara 11.45 a.m. jintalbu jabbandunaw it-tellieqa.

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 75 of 2011

Malta - Gozo - Malta Open Sea Swimming Challenge
Saturday, 20th August, 2011

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that the Birkirkara St Joseph Sports Club will be organizing a Malta-Gozo-Malta Open Sea Swimming Challenge on Saturday, 20th August, 2011.

This event will start from the Marfa Bay off the Riviera Hotel, Malta at 6.15 a.m. and will proceed across the East side of the Comino Channels towards il-Blata tal-Ħalfa (near Ras il-Qala) in Gozo and back towards Marfa Bay off the Riviera Hotel, Malta. A time limit of five (5) hours and thirty (30) minutes has been set by the Organising Board. Any swimmers remaining in the water after 11.45 a.m. will be asked to abandon the race.

L-għawwiema kollha li se jieħdu sehem ikunu akkumpanjati minn bastiment ta' għajnuna. Se jkunu preżenti wkoll *teams* ta' ambulanzi mill-*Health Services Group Ltd* u t-Taqsima Marittima tar-Red Cross.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti, jżommu 'l bogħod mill-inħawi u mill-għawwiema fil-ħin stipulat.

Charts affettwati BA 194, 211, 2537 u 2538.

It-12 ta' Awwissu, 2011

All participating swimmers will be accompanied by a support vessel. Ambulance Teams from the Health Services Group Ltd and the Red Cross Maritime Section will be in attendance.

Mariners are advised to keep a sharp lookout, keep clear of the area during the stipulated time and give the swimmers a wide berth.

Charts affected: BA 194, 211, 2537 and 2538.

12th August, 2011

L-AWTORITÀ DWAR IL-MEDIĊINI

Opportunitajiet ta' Karriera mal-Awtorità dwar il-Mediċini

L-Awtorità dwar il-Mediċini tilqa' applikazzjonijiet għal dawn li ġejjin:

Pożizzjoni ta' *Pharmacist* fuq bażi *full-time*. (Permess tal-ETC: 155/2010; MPO/48/2006/01)

Aktar tagħrif jinsab fuq (www.medicinesauthority.gov.mt).

L-applikanti għandhom jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom flimkien ma' *curriculum vitae* dettaljat sat-Tlieta, it-30 ta' Awwissu, 2011 fuq l-indirizz: marika.sciberras@gov.mt (Tel. 2343 9141)

It-12 ta' Awwissu, 2011

MEDICINES AUTHORITY

Career Opportunities with the Medicines Authority

The Medicines Authority receives applications for the following:

Position of Pharmacist on a full-time basis. (ETC Permit: 155/2010; MPO/48/2006/01)

Further information may be viewed on the website: (www.medicinesauthority.gov.mt).

Applicants are to submit their application together with a detailed curriculum vitae by not later than Tuesday, 30th August, 2011 addressed to: marika.sciberras@gov.mt (Tel. 2343 9141)

12th August, 2011

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżamijiet tal-AQA Jannar 2012

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li l-applikazzjonijiet għall-Eżamijiet tal-AQA Jannar 2012 jintlaqgħu minn nhar it-Tnejn, il-5 ta' Settembru 2011 sal-Ġimgħa, is-16 ta' Settembru 2011 mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. kif ġej:

Kandidati f'Malta:
Dipartiment tal-Eżamijiet
Floriana

Kandidati f'Għawdex:
Ċentru tal-Eżamijiet
Ir-Rabat,
Għawdex

Dettalji dwar il-ħlasijiet u s-suġġetti disponibbli jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji msemmija hawn fuq.

EXAMINATIONS DEPARTMENT

AQA January 2012 Examinations

The Director of Examinations notifies candidates that applications will be accepted for the AQA January 2012 Examinations from Monday 5th September 2011 up to Friday 16th September 2011 from 8.00 a.m. to 1.00 p.m. as follows:

Malta Candidates:
Examinations Department
Floriana

Gozo Candidates:
Examinations Centre
Ir-Rabat,
Gozo

Details regarding fees and subjects available may be obtained from the above offices.

L-applikanti jistgħu wkoll jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom *on-line* fuq (www.exams.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni *on-line* tista' ssir bejn nhar it-Tnejn, il-5 ta' Settembru 2011 u t-Tnejn, id-19 ta' Settembru 2011 f'nofsinhar.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-Eżamijiet, Floriana, u miċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Ir-Rabat, Għawdex, jew minn fuq il-*website* tad-Dipartiment (www.exams.gov.mt).

It-12 ta' Awwissu, 2011

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżamijiet tal-Edexcel London
Jannar 2012

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li fi ħsiebhom joqogħdu għall-Eżamijiet tal-Edexcel London Jannar 2012 li l-formoli tal-applikazzjoni jintlaqgħu minn nhar it-Tnejn, il-5 ta' Settembru 2011 sal-Ġimgħa, is-16 ta' Settembru, 2011, mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m., kif ġej:-

Kandidati f'Malta
Dipartiment tal-Eżamijiet,
Floriana

Kandidati f'Għawdex
Ċentru tal-Eżamijiet,
Ir-Rabat,
Għawdex.

L-applikanti jistgħu jagħżlu wkoll li jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom *on-line* fuq (www.exams.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni *on-line* se tkun disponibbli bejn nhar it-Tnejn, il-5 ta' Settembru 2011 sat-Tnejn, id-19 ta' Settembru, 2011 f'nofsinhar.

Il-kandidati għandhom jinnotaw li jridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija hawn taħt biex ikunu eliġibbli li joqogħdu għall-eżami msemmi:

(1) Għandhom ikunu lestew il-Ħames Klassi tal-Edukazzjoni Sekondarja tagħhom. Il-Kap tal-iskola għandu jiffirma l-applikazzjoni tagħhom u jagħmel it-timbru tal-iskola fl-ispazju apposta biex jikkonferma dan il-fatt.

jew

(2) Mill anqas 16-il sena sa jew qabel is-16 ta' Settembru, 2011 (id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet) - i.e. twieldu fi jew qabel is-16 ta' Settembru, 1995.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-Eżamijiet, Floriana, u miċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Ir-Rabat, Għawdex, jew minn fuq il-*website* tad-Dipartiment (www.exams.gov.mt).

It-12 ta' Awwissu, 2011

Applicants have also the option to send their application on-line on (www.exams.gov.mt). The on-line registration will be available between Monday 5th September 2011 till Monday, 19th September 2011 at noon.

Other details may be obtained from the Examinations Department, Floriana, and the Examinations Centre, Ir-Rabat, Gozo, or the Department's website on (www.exams.gov.mt).

12th August, 2011

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Edexcel London Examinations
January 2012

The Director of Examinations notifies candidates intending to sit for the Edexcel London Examinations January 2012 that application forms will be received as from Monday, 5th September 2011 up to Friday, 16th September 2011 from 8.00 a.m. to 1.00 p.m. as follows:-

Malta candidates:
Examinations Department,
Floriana

Gozo candidates:
Examinations Centre,
Ir-Rabat,
Gozo.

Applicants have also the option to send their application on-line on (www.exams.gov.mt). The on-line registration will be available between Monday, 5th September, 2011 up to Monday, 19th September 2011 at noon.

Candidates are reminded that they have to satisfy the undermentioned conditions to be eligible to sit for the above examination:

(1) They must have completed the Fifth Form of their Secondary Education. To confirm this fact the Head of School is to sign the application form and to put the School Rubber Stamp in the space provided thereof.

or

(2) Candidates must be 16 years of age on or before the 16th September 2011 (the closing date for applications) - i.e. born on or before 16th September 1995.

Other details may be obtained from the Examinations Department, Floriana, and the Examinations Centre, Ir-Rabat, Gozo, or the Department's website on (www.exams.gov.mt).

12th August, 2011

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttorat għall-Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex flimkien mal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, jgħarrfu lill-bdiewa, sajjieda, Għaqdiet tal-Produtturi u Koperattivi, li qegħdin isiru preparamenti biex jitwaqqaf Suq tal-Bdiewa f'Għawdex.

Din l-inizjattiva hi miftuħa kemm għall-bdiewa u sajjieda *full-time* u anke dawk *part-time,* kif ukoll Għaqdiet tal-Produtturi u Koperattivi u ser titħaddem skont ir-regolamenti kif inhuma mniżżla fl-Avviż Legali 54 tal-2011.

Dawk il-bdiewa, sajjieda, Għaqdiet tal-Produtturi u Koperattivi, li huma interessati li japplikaw għall-permess biex joperaw fis-Suq tal-Bdiewa f'Għawdex huma mitluba sabiex jissottomettu d-dettalji tagħhom fuq formoli uffiċjali li jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Ċentrali tal-Agrikoltura fir-Rabat, kif ukoll mill-Farm tal-Gvern fix-Xewkija jew mill-Pitkalija fix-Xewkija, matul il-ħinijiet tal-uffiċċju. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu fil-Farm tal-Gvern fix-Xewkija.

L-ebda persuna b'liċenzja ta' bejjiegħ fit-toroq, bejjiegħ bil-posta, ġerrej jew *peddler* maħruġ skont ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ, jew li jkollu permess jew liċenzja biex jixtri prodotti agrikoli miċ-ċentri tas-swieq tal-prodotti tal-biedja, ma għandu jkun eliġibbli li jikseb permess biex jopera posta u jipparteċipa fis-Suq tal-Bdiewa, jew li jaġixxi bħala sostitut jew assistent ta' detentur ta' permess.

L-applikazzjonijiet jagħlqu l-Ġimgħa, is-16 ta' Settembru, 2011.

It-12 ta' Awwissu, 2011

MINISTRY FOR GOZO

The Directorate for Projects and Development within the Ministry for Gozo in conjunction with the Ministry for Resources and Rural Affairs, notify farmers, fishermen, Producers Organizations and Co-operatives, that preparations are underway to set up a Farmers Market in Gozo.

This initiative will be open to full-time and part-time farmers or fishermen, Producer Organisations, and Co-operatives and will be operated according to regulations as laid down in Legal Notice 54 of 2011.

Farmers, fishermen, Producer Organisations and Co-operatives interested in applying for a permit to operate in the Farmers Market in Gozo are requested to submit their details on the official forms which are available from the Agriculture Office in Victoria, the Government Farm or the Pitkali Centre in Xewkija during normal office hours. Applications shall be submitted at the Government Farm in Xewkija.

No person in possession of a licence of street hawker, market hawker, peddler or busker in terms of the Trading Licences Regulations, 2006, or in possession of a permit or licence to purchase agricultural produce from an agricultural marketing centre, shall be eligible to obtain a permit to operate a stall and participate in the Farmers' Market, or to act as a substitute or as an assistant to a permit holder.

The closing date for the submission of the applications is Friday, 16th September, 2011.

12th August, 2011

DIPARTIMENT TAR-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI U TAL-IMPJIEGI

Tħassir ta' Reġistrazzjoni ta' *Trade Union*

Ir-Reġistratur tat-*Trade Unions* jgħarraf illi skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 55(2)(a) tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452), l-Għaqda xufiera tal-Coaches m'għadhiex irreġistrata bħala *Trade Union*.

It-12 ta' Awwissu, 2011

DEPARTMENT OF INDUSTRIAL AND EMPLOYMENT RELATIONS

Cancellation of Registration of Trade Union

The Registrar of Trade Unions notifies that in accordance with the provisions of paragraph 55(2)(a) of the Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452) the "Għaqda xufiera tal-Coaches" has ceased to be registered as a Trade Union.

12th August, 2011

DIRETTORAT GĦAS-SERVIZZI KORPORATTIVI
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Lista ta' kuntratti mogħtija mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi bejn l-1 ta' Jannar 2011 sat-30 ta' Ġunju 2011:

Avviż Nru. *Advt. No.*	Deskrizzjoni *Description*	Kuntrattur *Contractor*
OPM/DCS/01/2011	Departmental tender for the supply of a new glass van to be used to carry passengers and goods for the Corporate Services Directorate, Office of the Prime Minister	UCIM Co. Ltd
OPM/MEU/01/2011	Departmental call for tenders for the development of a Standard for Regulatory Institutions	PricewaterhouseCoopers

It-12 ta' Awwissu, 2011

CORPORATE SERVICES DIRECTORATE
OFFICE OF THE PRIME MINISTER

List of contracts awarded by the Corporate Services Directorate from 1st January 2011 to 30th June 2011:

12th August, 2011

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Lista ta' differenzi mogħtija mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi bejn l-1 ta' Jannar 2011 sat-30 ta' Ġunju 2011:

Riferenza *Reference*	Suġġett *Subject*	Kuntrattur *Contractor*	Varjazzjoni *Variation*
OPM 03/2010	Tender for the provision of carriage/ transporation of furniture items, goods and stores, OPM, Auberge de Castille, Valletta	Borg Bros. Ltd	€9,810

It-12 ta' Awwissu, 2011

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

List of variations awarded by the Corporate Services Directorate from 1st January 2011 to 30th June 2011:

12th August, 2011

DIVIŻJONI TAS-SAĦĦA

Lista ta' offerti mogħtija mis-Servizzi ta' *Procurement* tal-Gvern (Taqsima tas-Saħħa) matul Lulju 2011.

Natura tal-oġġett *Nature of item*	Kuntrattur *Contractor*
Finger sensor	Pharma-Cos Ltd - St Venera
Microset with 1.2 micron filter for bodyguard pump	Drugsales Ltd - Lija
Consumables for siemens 900c ventilator	Associated Equipment Ltd - San Ġwann
Consumables for siemens 900c ventilator	Pharma-Cos Ltd - St Venera
Conformers and globes	Holistic Technologies Ltd - Fgura
Silicone oil injections	Technoline Ltd - Gżira
Cochlear implants system	Trebee Company Ltd - Pietà
Trimetazidine dihydrochloride 20mg tablets	Galeapharma Ltd - Valletta
Custom packs for cataract surgery	Amas Co Ltd - San Ġwann
Catheters foley sz 12fg	Micar Medics Ltd - San Ġwann
Vitrectomy packs	Amas Co Ltd - San Ġwann
Masks aerosol adult	Micar Medics Ltd - San Ġwann

HEALTH DIVISION

List of tenders awarded by the Government Health Procurement Services during July 2011.

Hollow fibre dialysers UF 13-20	Micar Medics Ltd - San Ġwann
Amiodarone hydrochloride 150mg injections	Charles De Giorgio Ltd - Birkirkara
Sunitinib 12.5mg capsules	V.J. Salomone Pharma Ltd - Marsa
Sodium chloride 0.9% x 20ml	A.M. Mangion Ltd - Luqa
Consumables for mallinckrodt warm touch	Pharma-Cos Ltd - St Venera
Services of clerks at GHPS	Secretarial Services Ltd - Sliema
Blood cartridges for innova kidney machine	Associated Equipment Ltd - San Ġwann
Fully disposable extractor kit	Technoline Ltd - Gżira
Sildenafil 20mg tablets/capsules	V.J. Salomone Pharma Ltd - Marsa
Continuous glucose monitoring system	Technoline Ltd - Gżira
Deferasirox 250mg dispersible tablets	V.J. Salomone Pharma Ltd - Marsa
Glyceryl trinitrate 5mg patches	V.J. Salomone Pharma Ltd - Marsa
Trifluoperazine 5mg tablets	Vivian Corporation Ltd - Msida
Salbutamol respirator soluton	Pharmachemic Trading Agency Co Ltd - Rabat
Metformin 500mg tablets	Europharma Ltd - Birkirkara
Sunitinib 50mg capsles	V.J. Salomone Pharma Ltd - Marsa
Lamivudine 150mg tablets	Alfred Gera & Sons Ltd - Qormi
Omeprazole 20mg capsules/tablets	Vivian Corporation Ltd - Msida
Priming sets for haemodialysis	Associated Equipment Ltd - San Ġwann
Endozyme	Cherubino Ltd - Gżira
Flupenthixol 0.5mg tablets	Charles De Giorgio Ltd - Birkirkara
PTA catheters	Drugsales Ltd - Lija
Mycophenolate 500mg tablets	Drugsales Ltd - Lija
Salbutamol inhaler	Drugsales Ltd - Lija
Posaconazole 200mg/5ml suspension	Associated Drug Co. Ltd - Mrieħel
Sodium valporate oral solution	Charles De Giorgio Ltd - Birkirkara
Glucagon injections	Charles De Girogio Ltd - Birkirkara
Double loop stents FR6	Pharma-Cos Ltd - St Venera
Pressure wires to check FFR	Charles De Giorgio Ltd - Birkirkara
Compound sdium lactate I.V. infusion x 1000ml	Drugsales Ltd - Lija
Risperidone depot 25mg injections	A.M. Mangion Ltd - Luqa
Budesonide controlled-release 3mg capsules	Associated Drug Co. Ltd - Mrieħel
Artificial bone supplement	Associated Equipment Ltd - San Ġwann
Double lumen catheter sets for haemodialysis size 12fr	Associated Equipment Ltd - San Ġwann
Azathioprine 50mg tablets	Vivian Corporation Ltd - Msida
Pph kit for haemorrhoids	E.J. Busuttil Ltd - Birkirkara
Hollow fibre dialysers UF 15-30	E.J. Busuttil Ltd - Birkirkara
Thalidomide 100mg tablets	Miller & Miller (Chemicals) Ltd - UK
Implantable cardiac resynchronisation therapy defibrillators with leads	Technoline Ltd - Gżira
Implantable cardiac resynchronisation therapy defibrillators with leads	Technoline Ltd - Gżira
Implantable cardiac resynchronisation therapy defibrillators with leads	V.J. Salomone Pharma Ltd - Marsa
Gabapentin 300mg capsules	V.J. Salomone Pharma Ltd - Marsa
Diazepam 5mg tablets	V.J. Salomone Pharma Ltd - Marsa
Fluvoxamine 100mg tablets	V.J. Salomone Pharma Ltd - Marsa
Flecainide acetate 100mg tablets	Alfred Gera & Sons Ltd - Qormi
Hydrocortisone 100mg vials	V.J. Salomone Pharma Ltd - Marsa
Acitretin 10mg capsules/tablets	V.J. Salomone Pharma Ltd - Marsa
Proton pump inhibitors for infusion	Vivian Corporation Ltd - Msida
Biliary stents	Drugsales Ltd - Lija
Implantable cardiac resynchronisation therapy defibrillators with leads	Charles De Giorgio Ltd - Birkirkara
Implantable cardiac resynchronisation therapy defibrillators with leads	V.J. Salomone Pharma Ltd - Marsa
Morphine 30mg tablets	George Borg Barthet Ltd - Luqa

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

Il-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq jgħarraf illi dawn it-toroq se jkunu magħluqa fil-ġranet li ġejjin b'konnessjoni mal-festa ta' Santa Marija f'Ħal Għaxaq:

Is-Sibt, it-13 ta' Awwissu 2011 mis-7.30 p.m. sa nofsillejl minn Pjazza Santa Marija.

Il-Ħadd, l-14 ta' Awwissu 2011 mis-7.30 p.m. sa nofsillejl minn Pjazza Santa Marija.

Il-Ħadd, l-14 ta' Awwissu 2011 mit-8.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq San Filippu, Triq Dun G. Demicoli u Triq G.M. Farrugia.

It-Tnejn, il-15 ta' Awwissu 2011 mill-10.00 a.m. sa nofsillejl minn Pjazza Santa Marija.

Sa nofsinhar tal-Erbgħa, is-17 ta' Awwissu 2011 minn Triq il-Belt Valletta.

It-12 ta' Awwissu, 2011

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-Avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Sal-10.00 a.m. it-TLIETA, it-23 ta' Awwissu 2011, għal:

CT 149/2011 – Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2240/2010. Provvista ta' servizzi ta' *nursing* – Sptar Monte Karmeli. Irid jitħallas dritt ta' €800.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-21 ta' Ġunju, 2011.

CT 150/2011 – Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2080/2011. Provvista ta' servizzi ta' *care working* – Sptar Monte Karmeli. Irid jitħallas dritt ta' €800.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-21 ta' Ġunju, 2011.

CT 152/2011 – Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2024/2011. Twaqqigħ ta' Fabbrika SUB036 fil-Qasam Industrijali ta' San Ġwann – Malta Industrial Parks Ltd. Irid jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

CT 154/2011 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 3030/2011. Restawr tas-swar tal-Birgu – BRG 08 – Ministeru għar-Riżorsi

ĦAL GĦAXAQ LOCAL COUNCIL

The Ħal Għaxaq Local Council notifies that the following streets will be closed in the following days due to Saint Mary's feast in Ħal Għaxaq:

Saturday, 13th August 2011 from 7.30 p.m. to midnight through Pjazza Santa Marija.

Sunday, 14th August 2011 from 7.30 p.m. to midnight through Pjazza Santa Marija.

Sunday, 14th August 2011 from 8.00 p.m. to midnight through Triq San Filippu, Triq Dun G. Demicoli and Triq G.M. Farrugia.

Monday, 15th August 2011 from 10.00 a.m. to midnight through Pjazza Santa Marija.

Up to noon on Wednesday, 17th August 2011 through Triq Il-Belt Valletta.

12th August, 2011

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 23rd August, 2011, for:

CT 149/2011 – Contracts Ref No, CT 2240/2010. Provision of nursing services – Mount Carmel Hospital. A fee of €800.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 21st June, 2011.

CT 150/2011 – Contracts Ref No, CT 2080/2011. Provision of care working services – Mount Carmel Hospital. A fee of €800.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 21st June, 2011.

CT 152/2011 – Contracts Ref No, CT 2024/2011. Demolition of Factory SUB036 at San Ġwann Industrial Estate – Malta Industrial Parks Ltd. A fee of €50.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 154/2010 - Contracts Ref No, CT 3030/2011. Restoration works to Birgu Landfront Fortifications – BRG 08

u Affarijiet Rurali. Irid jitħallas dritt ta' €160.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

CT 181/2011 – Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2174/2011. Provvediment ta' *technical advisor* – Dipartiment tal-Kuntratti. Irid jitħallas dritt ta' €20.00 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. il-ĦAMIS, il-25 ta' Awwissu 2011, għal:

CT 142/2011 – Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2062/2010. Provvista ta' *autoantibody kits* b'tagħmir b'self – Taqsima tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €30.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-6 ta' Ġunju, 2011.

CT/A/023/2011 – Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 3054/2011. Kostruzzjoni ta' żona ta' rikreazzjoni fil-Park għall-Familja f'Marsaskala – WasteServ Malta Ltd. Kopja tad-dokument tal-offerta tista' titniżżel mill-*website:* (http://www.contracts.gov.mt).

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali – Miżura 313 Inkoraġġiment għal Attivitajiet ta' Turiżmiu.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-30 ta' Awwissu 2011, għal:

